Malli jkollna l-koppla imsaqqfa bl-iscaffolding u wara li jkun sar il-kuntratt ma' "*PrevArti Company Limited*", li se jidħlu għax-xogħol tar-restawr u konservazzjoni tal-pittura, imbagħad tibda din il-fażi tant delikata.

Ix-xogħol ta' restawr u konservazzjoni biex tkun lesta l-knisja kollha mistenni jieħu madwar erba' snin.



Dan ix-xogħol ta' restawr u konservazzjoni tal-pittura kollha se jiswielna 'l fuq minn € 303,968.(Lm 130,493)

Naturalment wieħed irid iżomm f'moħħu li dawn huma stimi u qatt ma jistgħu jkunu ċifri preċiżi. Dwar iż-żmien, wieħed irid ukoll iżomm f'moħħu il-perjodu sakemm jiżżarma l-iscaffolding minn post u jiġi armat f'post ieħor. Fi kliem ieħor qed ngħidu li ċertament li ser jgħaddu aktar minn erba' snin biex il-proġett kollu jiġi finalizzat.



Hekk kif ma qtajniex qalbna fis-snin l-imgħoddija hekk mhux ser naqtgħu qalbna issa li wasalna sa' hawn. Għandi fiduċja sħiħa fil-poplu ta' Ħal Lija li hekk kif dejjem sibtu warajja kull meta sejjaħtlu hekk se nibqa' nsibu fis-snin li ġejjin mhux biss fis-support u l-kuraġġ iżda wkoll fl-għajnuna finanzjarja li se jkompli jagħti.

***Hekk jixraqlu Gesu` Salvatur u t-Tempju tiegħu***

***u hekk ser nagħmlu.***

Fr David Gauci



**FROTT ĦELU** *Leħen il-Parroċċa ta' Ħal Lija*

*Mill-Uffiċċju Parrokkjali Ħarġa Speċjali Frar 2011*

***Ir-Restawr tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Lija u r-Restawr tal-Pittura ta' Giuseppe Cali` li biha hi mżejjna.***

<u>*Min fejn tlaqna:*</u>



Kont ili biss ftit xhur Kappillan fil-parroċċa ta' Ħal Lija meta sejjaħt grupp ta' nies biex jgħinuni ħalli nagħti bidu għall-proġett ambizzjuż ta' restawr li tant hu meħtieġ fil-pittura imprezzabli li hemm mas-saqaf u mal-koppla tal-knisja parrokkjali tagħna. Pittura li, minħabba l-ħsarat li ġarrbet matul is-snin, tinsab fi stat tal-biki.

Kien eżattament fit-12 ta' Jannar 2001 meta saret l-ewwel laqgħa tal-hekk imsejjħa "Kummissjoni Restawr". Fost il-membri hemm il-Professur Alex Torpiano bħala perit u konsulent u n-nutar Dr. Franco Pellegrini bħala segretarju ta' din il-kummissjoni. Matul dik l-ewwel laqgħa, l-perit Torpiano għamilhieli ċara li qabel ma nibdew il-pittura minn ġewwa kien hemm bżonn urġenti li jsir restawr tal-knisja minn barra, jiġifieri restawr tal-faċċata u taż-żewġ kampnari, tal-koppla kif ukoll tal-bejt.



Għadhom jidwu f'widnejja l-kelmiet li kien qalli l-perit wara li tela jispezzjona l-ħsarat li kienu ġarrbu l-kampnari kif ukoll il-koppla. Kien qalli dawn il-preċiżi kelmiet: "Irringrazzja lil Alla li qatt ma seħħ xi inċident hawn fuq!".

Wara diversi laqgħat suċċessivi wasalna għall-konklużjoni li l-proġett kellu jinqasam fi tliet fażijiet.

**L-ewwel fażi: restawr tal-faċċata u taż-żewġ kampnari**.

Wara li saru l-applikazzjonijiet kollha meħtieġa u ħareġ id-digriet mill-Kurja (15 ta' Ottubru 2002) inbeda ix-xogħol fuq iż-żewġ kampnari kif ukoll fuq il-faċċata; saret ukoll it-tiswija tal-prinjoli li hemm fuq il-bejt. Ix-xogħol kollu tlesta b'suċċess għas-sodisfazzjon ta' kull min jifhem. Għaliex qed ngħid b'suċċess? Għax aħna ppreferejna li nisimgħu minn nies kompetenti u li jifhmu fis-suġġett milli mill-kritika distruttiva li saret minn uħud anke saħansitra fuq il-ġurnali. Min ma jifhimx qalilna li neħħejna l-patina għax il-faċċata ġiet tidher bajda. Illum, għalkemm għadhom għaddew biss ftit snin, iż-żmien tana raġun għax il-faċċata diġa` bdiet tieħu l-iskorċa tagħha. Kienet lejla li ma ninsewha qatt meta fil-5 ta Lulju 2004 inawgurajna mill-ġdid il-faċċata u ż-żewġ kampnari tal-knisja tagħna.

**Ir-restawr taż-żewġ kampnari u l-faċċata swielna Lm22,000 (€51,246).** U kollox imħallas.

**It-tieni fażi: restawr tal-Koppla u tal-Bejt.**

Ix-xogħol ma waqaf qatt, għax kull darba li l-membri tal-Kummissjoni Restawr kienu bilqegħda madwar mejda jiddiskutu, jippjanaw u jevalwaw dak kollu li jkun għaddej, dak ukoll huwa xogħol. Kulħadd jifhem li kollox jieħu ż-żmien tiegħu. Waħda mid-deċiżjonijiet tal-kummissjoni kienet li aħna rridu li kollox isir sew u kif suppost bil-permessi kollha skont kif titlob il-liġi, kemm tal-Mepa kif ukoll tal-Kurja.



Issa kien imiss ir-restawr tal-koppla minn barra. Id-digriet biex dan ix-xogħol ikun jista' jinbeda ħareġ fit-30 ta' Settembru 2005; fil-fatt il-koppla tlestiet daqs 15-il xahar wara.

**Ir-restawr tal-koppla swielna Lm12,526 (€29,178)**. U kollox imħallas.



Huwa faċli ħafna nikteb "U kollox imħallas", imma l-flus ma jaqgħux mill-ajru. Dik il-frażi tfisser tant ħidma mill-grupp tal-Fund Raising, tant ġbir kull l-ewwel Ħadd tax-xahar, tant donazzjonijiet minn individwi. Fi ftit kliem tfisser il-qalb kbira u ġeneruża tal-poplu ta' Ħal Lija; tfisser l-imħabba kbira li l-poplu tagħna għandu lejn Gesu` Salvatur u t-Tempju tiegħu.Tfisser il-fatt li l-professur Alex Torpiano u n-nutar Dr Franco Pellegrini dejjem taw is-servizz professjonali tagħhom bla ħlas, tfisser l-għajnuna kbira li tana s-Sur Joseph Fenech tal-"Blokrete" li ġentilment silifna l-iscaffolding għal xhur sħaħ. Tfisser ukoll ħafna xogħol li jsir b'mod volontarju regolarment mis-sagristan Aaron Cuschieri, Missieru Ġużeppi u l-grupp tiegħu. Nirrepeti dak li dejjem għidt: **"Grazzi mill-qalb".**

**Fejn wasalna:**

Bħalissa għadu kif tlesta ix-xogħol fuq iż-żewġt ibjut iż-żgħar ta' wara waqt li għaddejin bit-tiswija tal-ħsarat li hemm fuq il-bejt il-kbir tal-Knisja. Il-probabilta` hija li meta inti tkun taqra dan il-fuljett it-tiswija tkun lesta kollha. Tiswija li tikkonsisti fl-użu ta' materjal (hawn min isejjaħħlu *membrane*, iżda fil-verita` mhux hekk hu) li għalkemm ma jippermettix li jidħol ilma minnu iżda jippermetti li tgħaddi l-arja minnu li hija meħtieġa għall-pittura. Fuq dan il-materjal imbagħad issir il-*membrane* proprja. Sa' issa għadu ma sar l-ebda ħlas għal dan ix-xogħol; il-ħlas tiegħu se jiġi kkalkulat bil-metru kwadru.

**Il-pass li jmiss: It-Tielet fażi**

Il-pass li jmiss huwa dak tant mistenni mill-poplu tagħna; pass li se jkompli jaqta ix-xewqa tagħna li nerġgħu naraw il-pittura tal-Cali` fil-glorja u l-ġmiel kollu tagħha. Għaldaqstant wara li nhar is-7 ta' Jannar 2011 ħareġ id-Digriet mill-Kurja biex ikun jista' jinbeda ir-restawr propju tal-pittura, nhar is-Sibt 22 ta' Jannar 2011 iffirmajna kuntratt ma "*Atlantic Scaffolding Limited*" li minn għandhom xtrajna l-iscaffolding u dak kollu meħtieġ biex inkunu nistgħu insaqqfu l-koppla u eventwalment il-kumplament tas-saqaf.

**L-ispiża ta' dan l-apparat kollu inkluż, ix-xogħol tal-armar, swietilna €30,680**. Il-flus miġbura u l-ħlas se jsir wara li jintemm dan l-armar li skont il-kuntratt se jieħu madwar tmien ġimgħat